MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru 18/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Henrique Nunes Correia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Henrique Nunes Correia li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tmienja u ghoxrin (28) jum mix- xhar ta` Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil–jiem ta` qabel din id-data HENRIQUE NUNES CORREIA iddecieda xjentement li jibda jittraffika u jesporta illegalment id-droga kokajina f`Malta u dan bi ftehim ma haddiehor.

Illi fid-dati hawn fuq indikati l- akkuzat HENRIQUE NUNES CORREIA assocja ruhu u ftiehem ma` persuna ohra bl –isem ta` Louis sabiex tigi ttrafikata u esportata

mill- Portugal gewwa l- Gzejjer ta` Malta kwantita ta` droga kokajina (948.44 grammi). L- akkuzat ftiehem ma` dan Louis dwar il –mezz ta` transport li kellu juza biex jimporta f`Malta din id-droga (titjiriet bl-ajru minn Lisbona ghal Frankfurt u minn Frankfurt ghal Malta), dwar il-mod kif din id-droga kellha tingarr u tigi importata gewwa Malta u cioe`f`kapsoli mohbija f`gisem l- akkuzat kif ukoll dwar kemm l- akkuzat kien se jithallas ghal din il- bicca xoghol illecita (1,500 Ewro). HENRIQUE NUNES CORREIA ftiehem u ippjana ma` Louis li malli jasal Malta kellu jaqbad taxi u jmur jirrisjedi temporanjament fil –Hotel Santana, Bugibba u hemm hekk l- akkuzat kellu jikkonsenja dan l –ammont ta` droga kokajina lil terza persuna sabiex din tigi eventwalment mibjugha u ittraffikata gewwa Malta.

In esekuzzjoni ta` dan il- pjan mahsub minn qabel, fis- 27 ta` Novembru 2008 l –akkuzat iltaqa ma` Louis gewwa Lisbona, Portugal u hemm hekk l –akkuzat iddecieda li jinserixxi u fil –fatt inserixxa f`gismu sebgha u sittin (67) kapsola mimlija bid-droga kokajina.

Fit- tmienja u ghoxrin ta` Novembru tas-sena elfejn u tmienja l-akkuzat qabad titjira minn Lisbona ghal Frankfurt imbaghad titjira tal- Air Malta KM 329 minn Frankfurt ghal Malta. F`din id-data l –akkuzat wasal Malta u kellu f`gismu xjentement u illegalment sebgha u sittin kapsola (67) mimlija bid- droga kokajina total ta` 948.44 grammi. Mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l –Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewh lill-pulizija. Il- Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta` l –akkuzat u eventwalment talbuh jissottometti ruhu ghal *body scan* gewwa l- isptar Mater Dei. Hawnhekk irrizulta li HENRIQUE NUNES CORREIA kien qed igorr f`gismu sebgha u sittin kapsola mimlija b` 948.44 grammi droga kokajina u purita` ta` circa 35%.

HENRIQUE NUNES CORREIA ma kellu l –ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il –medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi HENRIQUE NUNES CORREIA sar hati talli assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija HENRIQUE NUNES CORREIA ħati talli assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga kokajina f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att tal-Akkuża u cioe` fit-tmienja u ghoxrin (28) jum ta` Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil–jiem ta` qabel, HENRIQUE NUNES CORREIA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta’ bejnu u certu Louis iddecida li jesporta mill-Portugal ammont ta` droga kokajina sabiex

din tigi importata f`Malta. In esekuzzjoni ta` dan il- pjan mahsub minn qabel, fis- 27 ta` Novembru 2008 l –akkuzat iltaqa ma` Louis gewwa Lisbona, Portugal u hemm hekk l –akkuzat iddecieda li jinserixxi u fil –fatt inserixxa f`gismu sebgha u sittin (67) kapsola mimlija bid-droga kokajina bl-iskop li din id-droga tigi importata u eventwalment ittraffikata f`Malta.

Fit- tmienja u ghoxrin ta` Novembru tas-sena elfejn u tmienja l-akkuzat qabad titjira minn Lisbona ghal Frankfurt imbaghad titjira tal- Air Malta KM 329 minn Frankfurt ghal Malta. F`din id-data l –akkuzat wasal Malta u kellu f`gismu xjentement u illegalment sebgha u sittin kapsola (67) mimlija bid- droga kokajina total ta` 948.44 grammi. Mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l –Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferew il-kaz lill- Pulizija. Il- Pulizija eventwalment talbu lill-akkuzat jissottometti ruhu ghal *body scan* gewwa l-isptar Mater Dei. Hawnhekk irrizulta li HENRIQUE NUNES CORREIA kien qed igorr f`gismu sebgha u sittin kapsola mimlija b` 948.44 grammi droga kokajina u purita` ta` circa 35%. Ghalhekk l-akkuzat xjentement u illegalment importa` f`Malta sebgha u sittin kapsola mimlija bid-droga kokajina.

HENRIQUE NUNES CORREIA ma kellu l –ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il –medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi HENRIQUE NUNES CORREIA sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi HENRIQUE NUNES CORREIA hati

talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fit-28 ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta` qabel, l-akkuzat HENRIQUE NUNES CORREIA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnu u certu Louis iddecida li jesporta mill-Portugal ammont ta` droga kokajina sabiex din tigi importata f`Malta.
Fit- 28 ta` Novembru 2008 l-akkuzat qabad titjira minn Lisbona ghal Frankfurt imbaghad titjira tal- Air Malta KM 329 minn Frankfurt ghal Malta. F`din id-data l-akkuzat wasal Malta u kellu f`gismu xjentement u illegalment sebgha u sittin (67) kapsola mimlija bid- droga kokajina ghal total ta` 948.44 grammi. Fortunatament, mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l –Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewh lill- Pulizija. Il- Pulizija eventwalment talbu lill-akkuzat jissottometti ruhu ghal *body scan* gewwa l- isptar Mater Dei u hawnhekk irrizulta li HENRIQUE NUNES CORREIA kien qed igorr f`gismu sebgha u sittin kapsola mimlija b` 948.44 grammi droga kokajina u purita` ta` circa 35%. L-akkuzat kien ghalhekk fil- pussess xjenti u illegali

ta` sebgha u sittin kapsola mimlija bid-droga kokajina waqt li kien qieghed Malta f`tali cirkostanzi li juru li dan l-ammont ta` droga ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu. HENRIQUE NUNES CORREIA ma kellu l –ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il –medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi HENRIQUE NUNES CORREIA sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi HENRIQUE NUNES CORREIA talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-

Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Henrique Nunes Correia hati talli
1. fit-28 ta' Novembru, 2008, u fil-jiem ta' qabel, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga kokajina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

2. fit-28 ta’ Novembru, 2008 u fil-jiem ta’ qabel importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida, w dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;
3. fit-28 ta’ Novembru, 2008 u fil-jiem ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; w dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w it-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, Henrique Nunes Correia** ghall-piena komplessiva ta' tmien **(8) snin prigunerija** w ghall-**multa ta' tlieta u ghoxrin (23) il-elf Ewro (€23,000),** li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi **tnax (12) il-xahar prigunerija ohra** skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' Elf, tlett mija u sitta u tmenin euro u erbgha u tmenin centezmu, **(€1,386.84),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------